**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 11 ta’ Ġunju 2019

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 1**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 1 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 4 ta’ Lulju 2019 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

1.1 Ħatra tas-Sindku;

1.2 Ħatra tal-Viċi Sindku;

1.3 Tqassim tar-Responsabilitajiet lill-membri eletti tal-Kunsill Lokali;

1.4 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-1 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar il-Ħamis 4 ta' Lulju 2019 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-6:00pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Kunsillier | David Michael Schembri MQR |
| Kunsillier | Patrick Bugeja |
| Kunsilliera | Marion Parnis |
| Kunsillier | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Ambaxxatriċi | Michaela Vassallo |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Il-Kunsillier l-aktar anzjan, Daniel Farrugia, ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 01.1 **ĦATRA TAS-SINDKU**

01.1.1 Il-Kunsillier l-aktar anzjan Daniel Farrugia beda billi spjega kif ser titmexxa din l-ewwel laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali.

01.1.2 Qal li wara l-elezzjonijiet tal-25 ta' Mejju 2019, l-ewwel żewġ kandidati mill-partit rebbieħ fil-lokalità tal-Qrendi llum kellhom l-għażla quddiemhom jekk jaċċettawx jew le l-karigi ta' Sindku u Viċi Sindku rispettivament.

01.1.3 Fisser kif fl-elezzjoni tal-25 ta' Mejju 2019, il-Partit Laburista tella' erba' (4) Kunsillieri filwaqt li l-Partit Nazzjonalista tella' kandidat wieħed (1).

01.1.4 Spjega wkoll li nhar it-Tlieta 18 ta' Ġunju 2091, bħala Kunsillieri ħadu l-ġurament tal-ħatra f'ċerimonja apposta li saret f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, il-Belt Valletta.

01.1.5 Il-Kunsillier Farrugia staqsa lill-Kunsillier David Michael Schembri MQR jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku wara li fl-elezzjoni tal-25 ta' Mejju 2019 kien l-aktar kandidat li ġab voti mill-partit rebbieħ.

01.1.6 Il-Kunsillier Schembri aċċetta l-kariga ta' Sindku u ħa l-ġurament tal-ħatra quddiem Dr Amanda Vella bħala Kummissarju għall-Ġustizzja.

## 02.1 **ĦATRA TAL-VIĊI SINDKU**

02.1.1 Il-Kunsillier l-aktar anzjan Daniel Farrugia għadda sabiex jistaqsi lill-Kunsillier Patrick Bugeja jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku, minħabba li fl-elezzjoni tal-25 ta' Mejju 2019, kien it-tieni l-aktar kandidat li ġab voti għall-partit rebbieħ.

02.1.2 Il-Kunsillier Bugeja aċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku u ħa l-ġurament

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

quddiem Dr Amanda Vella bħala Kummissarju għall-Ġustizzja.

## 03.1 TQASSIM TAR-RESPONSABILITAJIET LILL-MEMBRI ELETTI TAL-KUNSILL LOKALI

03.1.1 Wara li ttieħdu l-ġuramenti tal-ħatra tas-Sindku u l-Viċi Sindku, is-Sindku David Michael Schembri MQR ħa postu fuq il-mejda tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali.

03.1.1 Filwaqt li rringrazzja lir-residenti Qrendin talli għall-ħames snin illi ġejjin afdawh bir-responsabilità tat-tmexxija tal-Kunsill Lokali, ħeġġeġ lill-Kunsillieri sabiex f'din il-leġiżlatura tkompli l-ħidma li ilha għaddejja, mhux biss matul il-leġiżlatura li għaddiet imma anke fil-leġiżlaturi passati.

03.1.2 Is-Sindku qal li skont il-Liġi tal-Kunsilli Lokali, kull Kunsillier irid ikollu numru ta' responsabilitajiet li matul il-ħames snin illi ġejjin jara li mhux biss jitwettqu, imma li permezz ta' kull responsabilità, ir-residenti Qrendin u l-Qrendi inġenerali jkunu aħjar.

03.1.3 Ir-responsabilitajiet ta' kull Kunsillier huma kif ġej:

**David Schembri – Sindku**

- Ambjent, Ġonna u Soft Areas;
- Baġit u Finanzi;
- Iċ-Ċentru Ċiviku l-Ġdid;
- Dwal fit-Toroq;
- Patrimonju;
- Proġetti Ewropej;
- Proġetti Kapitali;
- Turiżmu.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Patrick Bugeja – Viċi Sindku**

- Indafa Rurali;
- Indafa Urbana;
- Infrastruttura Rikorrenti;
- Kultura u Attivitajiet Kulturali.

**Marion Parnis – Kunsilliera**

- Edukazzjoni;
- Ħarsien tal-Annimali;
- Integrazzjoni Soċjali;
- Librerija Pubblika;
- Wied iż-Żurrieq.

**Charles Zerafa – Kunsillier**

- Informatika;
- Innovazzjoni;
- Midja Soċjali u Interattiva;
- Żgħażagħ u Sport.

**Daniel Farrugia – Kunsillier**

- Anzjanità Attiva;
- Relazzjoni mal-Għaqdiet Lokali.

03.1.4 Il-Kunsillieri kollha aċċettaw ir-responsabilitajiet mogħtija mis-Sindku u affermaw li ser jagħmlu dak kollu possibbli sabiex kull responsabilità

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

tkun imwettqa bl-aħjar mod possibbli.

04.1 **TMIEM TAL-LAQGĦA U D-DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

04.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-6pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 24 ta' Lulju 2019 fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ____________________ |
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |